**QORTI TAL-MAGISTRATI ( MALTA )**

BHALA QORTI TA` GUDIKATURA KRIMINALI

MAGISTRAT:

DR JOSEPH CASSAR BA., LL.D.

**Il-Pulizija**

(Spettur David Saliba)

**vs**

**Stephen Cassar**

Illum 24 ta` Jannar 2001.

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-imputat Stephen Cassar, ta` 19 il-sena, bin alfred u Margaret nee` Axiaq, imwieled Attard, fl-4 ta` Gunju 1980 u joqghod 18, Alley 2, Triq ix-Xaghjra, Zabbar, ID 544062 M:

1. Talli f`dawn l-ahhar xhur qabel id-19 ta` Settembru 1999, f`hinijiet differenti, f`Malta fl-istess zminijiet u cirkostanzi, xjentement laqa` ghandu, stereo tal-ghamla Clarion, li l-valur tieghu jeccedi s-somma ta` Lm50, izda inqas minn Lm100, jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b`qerq jew akkwistati b`reat, sew

jekk dan sar f`Malta jew barra minn Malta, jew xjentement b`kull mod li jkun indahal biex ibieghhom jew imexxihom.

2. Talli l-imsemmi Stephen cassar huwa recidiv b`sentenza tal-Qorti, liema sentenza hija definittiva.

Rat in-nota tal-Avukat Generali tas-27 ta` Settembru 1999 li ta l-kunsens li l-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Rat li l-akkuzat ma oggezzjonax li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti u l-atti kollha.

Rat li l-akkuzat ammetta l-akkuzi kontrih.

Semghet it-trattazzjoni tal-prosekuzzjoni u tad-difiza.

Issibu hati.

Rat l-Artikolu 334 u 117, kif ukoll l-Artikolu 5 tal-Kapitolu 152.

Ser tapplika l-imsemmi Artikolu 5 tal-Kapitolu 152, stante l-eta` tal-akkuzat bit-tama li jaqbad triq ohra.

Tordna li ghal **zmien tnax il-xahar,** bit-tama li l-akkuzat jaqbad triq ohra, **joqghod ghal kull kondizzjoni fl-Ordni tal-Probation** hawn mehmuza, that is-sorveljanza tal-Probation Officer Marietta Lanzon, ai termini tal-imsemmi Artikolu 5 tal-Kapitolu 152.

Il-Qorti spjegat lil hati fi kliem car it-tifsira tal-Artikolu 5 tal-Kapitolu 152.

(ft) Dr Joseph Cassar

MAGISTRAT

Vera kopja.

L Spiteri Bailey

Dep Reg.